# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Marzu 2016**

**Numru 4**

**Rikors Numru: 1191/09 JZM**

**J&M Aluminium Ltd. (C10836)**

**v.**

**Alu. Care Mosta Limited (C32359)**

Preliminari;

Illi dan huwa appell ad istanza tas-socjeta` konvenuta mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu qed titlob lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li:

(a) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza relattivament ghall-fatturi bin-numru 10871, 11298, 10938, 11061, 11067, 11135 u 9740 rispettivament;

(b) tvarja s-sentenza relattivament ghall-fattura bin-numru 5967 billi taqta' u tiddeciedi li l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta jammonta biss ghal tmint elef mitejn u erbatax-il Euro u tmienja u hamsin centezmu (EUR 8,214,58); u

(c) tvarja s-sentenza relattivament ghall-fattura bin-numru 6211 billi filwaqt li tikkonferma li l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` konvenuta fuq din il-fattura jammonta ghal elf Euro u wiehed u tlieta u sittin centezmu (EUR 1,000.63), tordna li l-interessi fuq tali ammont ghandhom jiddekorru biss mid-data tas-sentenza;

bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellata.

Is-socjeta` attrici oltre r-risposta taghha ipprezentat ukoll appell incidentali kif se jissemma' aktar 'il quddiem;

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"**Il-Qorti :**

"**I. Preliminari**

"Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-<u>1 ta' Dicembru 2009</u> li jaqra hekk –

"*1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' ghoxrin elf u tmien euro u sitta u sebghin centezmi (€20,008.76) rapprezentanti prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat bl-ingrossa lis-socjeta` konvenuta, u jinkludi l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) kalkolat sal-24 ta' Jannar 2009 u dan jirrizulta mill-anness statement Dok. A'.*

"*2. Illi dan il-kreditu tas-socjeta` attrici jirrizulta mill-fatturi numru 5967, 6211, 9740, 10871, 10886, 10938, 11061, 11067, 11135 u 11298 li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkati bhala Dok. B1 sa B10.*

"*3. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi – anki permezz ta' ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 (ittra numru 723/2009) datata 17 ta' Frar 2009 – sabiex thallas dan il-kreditu tas-socjeta` attrici li huwa cert, likwidu u dovut, is-socjeta` konvenuta baqghet ma saldatx l-ammont fuq indikat.*

"*4. Illi fil-fehma tal-esponent is-socjeta` konvenuta ma jista' jkollha ebda difiza kontra dan il-kreditu tas-socjeta` attrici.*

"*<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>*

"*Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' ghoxrin elf u tmien euro u sitta u sebghin centezmi (€20,008.76) rapprezentanti prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat bl-ingrossa lis-socjeta` konvenuta, u jinkludi l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) kalkolat sal-24 ta' Jannar 2009 u dana jirrizulta mill-anness statement Dok. A;*

"*Illi dan il-kreditu tas-socjeta` attrici huwa wiehed cert, likwidu, u dovut u dana kif jirrizulta wkoll mill-anness affidavit immarkat Dok. C;*

"*Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas dan id-debitu taghha, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

"*<u>TALBIET</u>*

"*Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

"*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata annessa Dok. B.*

"*2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghoxrin elf u tmien euro u sitta u sebghin centezmi (€20,008.76) dovuta kif fuq intqal.*

"*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166 A datata 17 ta' Frar 2009 (ittra numru 723/2009) u bl-imghax ulterjuri skont il-ligi mill-25 ta' Jannar 2009 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta' dokumenti esebiti.

"Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Jannar 2010.

"Rat id-digriet taghha moghti f'dik l-udjenza fejn, wara li semghet ix-xiehda tar-rapprezentant tal-kumpannija konvenuta, u kienet tal-fehma li l-kumpannija konvenuta kellha *prima facie* eccezzjonijiet validi x'taghti ghat-talba attrici, tat lill-kumpannija konvenuta zmien ghoxrin (20) jum sabiex jipprezenta risposta guramentata.

"Rat ir-risposta mahlufa prezentata fit-3 ta' Frar 2010 li taqra hekk –

"*1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici rigward l-invoices taghha bin-numri 10871, 10886, 10938, 11061, 11067, 11135 u 11298 m'humiex kontestati.*

"*2. Illi s-socjeta` konvenuta diga' hallset lis-socjeta` attrici s-somma ta' disgha mija u tmenin Euro u sittax-il centtezmu (€980.16) u ghalhekk it-talba attrici ghandha tkun ridotta b'dan l-ammont.*

"*3. Illi in kwantu ghall-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ossija l-invoice taghha bin-numru 5967 (dok B1 mal-avviz guramentat), l-ammont li qed jintalab mis-socjeta` attrici jissupera bil-bosta l-ammont pattwit bejn il-partijiet qabel il-konsenja tal-istess materjal (quotation tas-socjeta` attrici hawn annessa bhala dokument ittra "AC1"), u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tkun ikkundannata thallas ammont li jissupera dak miftiehem bejn il-partijiet.*

"*4. Illi in kwantu ghall-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ossija l-invoice taghha bin-numru 6211 (dok B2 mar-rikors guramentat), is-socjeta` attrici kienet ftehmet mas-socjeta` konvenuta li x-shutter mertu ta' dik l-invoice kellu jigi jiswa' inqas minn erba' mija u hamsin Liri Maltin ta' dak iz-zmien (Lm450) ekwivalenti ghal elf mija u tmienja u erbghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1048.22), bl-installation b'kollox u ghalhekk anke hawnhekk is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tkun ikkundannata thallas ammont li jissupera dak miftiehem bejn il-partijiet, tenut kont ukoll illi l-installation fil-fatt ma saritx mis-socjeta` attrici izda mis-socjeta` konvenuta nnifisha.*

"*5. Illi in kwantu ghal ammont pretiz mis-socjeta` attrici ossija l-invoice taghha bin-numru 9740 (dok B3 mar-rikors guramentat), dan l-ammont mhux dovut peress li jirraprezenta spare parts ta' magna, liema magna kienet inbieghet lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici u liema parti giet mibdula mis-socjeta` attrici meta l-istess magna kienet ghadha taht il-garanzija.*

"*6. Illi s-socjeta` konvenuta gabet dan kollu ghall-attenzjoni tas-socjeta` attrici u talbet li jinhargu l-credit notes relattivi, f'izjed minn okkazjoni wahda u ghalkemm rapprezentanti tas-socjeta` attrici veralment weghdu li kienu ser jinhargu l-credit notes, dawn baqghu ma nhargux u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.*

"*7. Illi l-ebda ammont ta' interessi ma huwa dovut fuq l-invoices ikkontestati.*

"*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-interessi mitluba mis-socjeta` attrici f'kull kaz huma eccessivi.*

"*9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi*

"*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li sa minn issa rapprezentanti taghha jibqghu ingunti in subizzjoni.*

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija konvenuta, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta' dokumenti esebiti.

"Rat in-nota tal-kumpannija attrici li kienet prezentata fit-8 ta' Frar 2010 u d-dokumenti li kienu esebiti man-nota.

"Rat ix-xiehda bl-affidavit ta' Joseph Bartolo u Mark Bartolo li kienu prezentati b'nota fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2010, kif ukoll id-dokumenti li kienu esebiti mal-affidavit ta' Mark Bartolo.

"Semghet ix-xiehda in kontro-ezami ta' Mark Bartolo u Joseph Bartolo, u x-xiehda ta' Stefan Fenech fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2010, kif ukoll id-dokumenti li kienu esebiti minn dan l-ahhar xhud.

"Semghet ix-xiehda tal-Perit Deborah Borg fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2011, u l-kontroezami ta' Stefan Fenech f'dik l-udjenza u fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2011, kif ukoll rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2011.

"Rat in-nota tal-kumpannija konvenuta li kienet prezentata fl-4 ta' April 2011.

"Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' Alfred Cini li xehed fl-24 ta' Mejju 2011 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Schembri Gonzi.

"Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Gunju 2011 fejn il-partijiet iddikjaraw l-gheluq tal-provi taghhom.

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet jaghmlu l-ahhar sottomissjonijiet taghhom fl-udjenza tas-16 ta’ Settembru 2011.

“Rat id-digriet taghha moghti f’dik l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

“Rat l-atti tal-kawza.

“**Ikkunsidrat:**

“**II. <u>Il-fatturi</u>**

“**A. <u>Generali</u>**

“Il-kumpannija attrici (minn issa ‘l quddiem tissejjah **<u>“J&M”</u>**) qeghda tippretendi minghand il-kumpannija konvenuta (minn issa ‘l quddiem tissejjah **<u>“Alu. Care”</u>**) il-hlas ghal ghaxar (10) fatturi ta’ materjal mibjugh u kkonsenjat.

“Qeghda tippretendi li tithallas is-somma ta’ €20,008.76, li tinkludi imghax ta’ 8% kalkolat sal-24 ta’ Jannar 2009. Fil-fatt ipprezentat prospett li huwa markat Dok A.

“Ghalkemm J&M qeghda tippretendi hlas wiehed li jkopri l-fatturi kollha, din il-Qorti tghid li kull fattura hija l-prova ta’ l-bejgh **<u>individwali u distint</u>** ta’ materjal. Ghalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imghax pretiz ghandu jitqies fil-kuntest ta’ kull fattur individwali.

“Alu. Care mhijiex tikkontesta li hija debitrici ta’ sebgha (7) minn dawn il-fatturi. Hija ndikat liema huma dawn il-fatturi kemm fl-udjenza tal-14 ta’ Jannar 2010 kif ukoll fir-risposta guramentata taghha.

“Din il-Qorti sejra tqis l-ewwel is-seba’ (7) invoices mhux kontestati.

“**B. <u>Il-fatturi Nri. 10871, 10886, 10938, 11061, 11067, 11135 u 11298</u>**

“Is-seba’ invoices mhux kontestati huma dawk markati minn Dok B4 sa Dok B10 a fol 8 sa fol 14 tal-process. Fuq kull fattura hemm indikat illi *interest payable at 8% after 30 days.* Ma jirrizultax li l-ammissjoni tal-kreditu da parti ta’ Alu. Care fir-rigward ta’ dawk is-seba’ (7) invoices giet qabel id-data tal-presentata tar-rikors guramentat u cioe’ sal-1 ta’ Dicembru 2009. Ghalkemm Alu. Care tghid illi qabel l-ahhar tal-2009 baqghet cheque lil J&M bil-hlas ta’ hamsa (5) minn dawn is-seba’ (7) invoices bla ma kienet aktar specifika fid-data, J&M min-naha taghha tikkontesta l-posizzjoni ta’ Alu. Care dwar dan il-pagament u b’mod specifiku tghid illi hija rceviet cheque ghal €980.16 minghand Alu. Care li

kien impustat fit-13 ta' Jannar 2010. Mhuwiex kontestat minn Alu. Care illi l-azzjoni attrici tal-lum kienet preceduta minn procedura ohra minn J&M skont l-Art.166A tal-Kap.12.

"Skont Alu. Care (ara l-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Jannar 2010), il-pagament ta' €980.16 ikopri l-import tal-fatturi bin-nri. 10886, 10938, 11061, 11067 u 11135. Dawn il-hames fatturi b'dak l-ordni kienu juru dan l-import - €125.651, €187.666, €74.953, €289.546 u €302.369. L-ghadd taghhom il-hamsa jgib is-somma ta' €980.18. Mela bil-pagament ta' Alu, Care fil-mori tal-kawza, jirrizulta li thallsu dawn il-hames fatturi.

"Limitatament dwar il-kwistjoni tal-invoices mhux kontestati, din il-Qorti hija tal-fehma li Alu. Care ghad trid thallas lil J&M:

"(a) l-import tal-invoice bin-numru 10871 datata 2 ta' April 2008 (Dok B4 a fol 8) ghall-ammont ta' €143.48 bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mit-2 ta' Mejju 2008 sad-data tal-effettiv pagament;

"(b) l-import tal-invoice bin-numru 11298 datata 27 ta' Mejju 2008 (Dok B10 a fol 14) ghall-ammont ta' €34.50 bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mis-27 ta' Gunju 2008 sad-data tal-effettiv pagament;

"(c) is-somma ta' €17.07 bhala imghax ta' 8% fis-sena fuq €125.65 li huwa l-ammont tal-invoice bin-nru. 10886 b'sehh minn tletin (30) gurnata mid-data ta' l-invoice sat-13 ta' Jannar 2010.

"(d) is-somma ta' €25.49 bhala imghax ta' 8% fis-sena fuq €187.666 li huwa l-ammont tal-invoice bin-nru. 10938 b'sehh minn tletin (30) gurnata mid-data ta' l-invoice sat-13 ta' Jannar 2010.

"(e) is-somma ta' €9.81 bhala imghax ta' 8% fis-sena fuq €74.953 li huwa l-ammont tal-invoice bin-nru. 11061 b'sehh minn tletin (30) gurnata mid-data ta' l-invoice sat-13 ta' Jannar 2010.

"(f) is-somma ta' €37.94 bhala imghax ta' 8% fis-sena fuq €289.546 li huwa l-ammont tal-invoice bin-nru. 11067 b'sehh minn tletin (30) gurnata mid-data ta' l-invoice sat-13 ta' Jannar 2010.

"(g) is-somma ta' €35.10 bhala imghax ta' 8% fis-sena fuq €302.369 li huwa l-ammont tal-invoice bin-nru. 11135 b'sehh minn tletin (30) gurnata mid-data ta' l-invoice sat-13 ta' Jannar 2010.

"Din il-Qorti sejra tghaddi issa ghall-konsiderazzjoni tat-talba ghall-hlas tat-tliet (3) invoices l-ohra li Alu. Care qeghda tikkontesta l-hlas pretiz: -

"i) dik bin-numru 5967 datata 16 ta' Mejju 2006 (Dok B1 a fol 5) ghall-ammont ta' Lm 5900 ekwivalenti ghal €13,743.30;

"ii) dik bin-numru 6211 datata 19 ta' Gunju 2006 (Dok B2 a fol 6) ghall-ammont ta' Lm 705.64 ekwivalenti ghal €1643.69; u

"iii) dik bin-numru 9740 datata 26 ta' Ottubru 2007 (Dok B3 a fol 7) ghall-ammont ta' €76.70.

"**C) <u>Il-fattura Nru. 5967</u>**

"Din il-fattura tirrapprezenta l-ammont pretiz minn J&M ghal *materja prima* li kellha tintuza minn Alu. Care ghal appalt ta' xogholijiet li kellha fl-MCAST. Dwar din il-fattura partikolari, xehdu Mark Bartolo u Stefan Fenech. Il-verzjonijiet taghhom huma kontrastanti.

"Minn naha wahda, J&M tghid li inizjalment kienet mitluba *quotation*, liema *quotation* (minghajr data) hija esebita bhala Dok AC 1 a fol 28. Hekk kien konfermat in kontro-ezami minn Mark Bartolo fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2010 (ara fol 55). Meta kien mistoqsi (ara fol 56) jekk meta hareg il-*quotation* kienx hemm il-pjanti mat-*tender document* Mark Bartolo wiegeb illi *"il-quotation harget ovvjament skont x'specificaw u kif tkellimna jiena u Stefan Fenech ..."* pero' ma' ftakarx jekk kienx hemm id-dokumenti wkoll apparti d-diskors. Mistoqsi mbaghad jekk il-*quotation* saritx qabel it-tender Mark Bartolo ikkonferma li *"ovvjament u saret sewwa qabel it-tender".*

"Din il-verzjoni ma taqbilx ma' li xehed Stefan Fenech (ara fol 75) - *"tlabtu quotation, tajtu l-pjanti u tajtu kollox, tani din u maghha jien kien jonqosni nzid fil-fatt jekk taraha fiha miktub bil-biro l-kitba tieghi, il-hgieg biex inwahhluwha u l-affarijiet ghax din kienet parti. Il-quotation tieghu ma kienitx il-faccata lesta, il-quotation tieghu kienet tidhol biss l-aluminium u l-accessorji".*

"Fl-affidavit tieghu, Mark Bartolo jghid li xi zmien wara li kien tah din il-*quotation*, Stefan Fenech kien rega ikkuntattjah u qallu li kienu *"ser isiru xi modifiki dwar l-ordni originali li kien talabni. Hu ried dan ix-xoghol malajr ... peress li rieda malajr hafna jien hdimtha kemm jista jkun malajr u tajtiehlu bit-telephone .... fil-quotation il-gdida kelli wkoll fil-fatt ninkludi, minhabba l-urgenza, xi spejjez tat-trasport illi kont ser ninkorri biex ix-xoghol, flok jigi max-xoghol normali taghna, jigi b'urgenza. Jien kif tajtu din il-quotation, hu minnufih qalli kollox sew u tani l-go ahead biex nordna x-xoghol u jien hekk ghamilt"* (ara fol 38).

"Anke hawn jirrizulta konflitt ma' li xehed Stefan Fenech (ara fol 82). Mistoqsi - *"Imma b'mod specifiku qed jghidlek li ghamillek din it-telefonata*

*u qallek illi l-prezz ghola ghal-elf u hames mija ghax inti tlabtu jaghti xi haga differenti, x'ghandek tghid dwar dan ?",* Stefan Fenech wiegeb hekk - *"jien la tlabtu xejn differenti ... sempliciment ma kellix ghalfejn nitolbu quotation ghax jien quotation kelli."* Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi varjanza fil-qies huwa wiegeb *"xejn kollox kif kien baqa".*

"Jigi rilevat illi meta kien mistoqsi dwar din it-telefonata, Stefan Fenech la nnega li t-telefonata saret u lanqas dak li ntqal fit-telefonata. Fil-kawza xehdet ukoll il-perit tal-MCAST, Perit Deborah Borg li a fol 101 qalet illi ma kienx hemm alterazzjonijiet kemm ghal dawk li huma *specifications* kif ukoll ghal dak li kellu x'jaqsam ma' qisien. Tghid "*safejn niftaker jien ma kien hemm l-ebda tibdil".*

"Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Mejju 2011 fil-kawza "**Gambina v. Fithome Ltd**.", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

> *"... mhux bil-fors ftehim kummercjali jrid ikun bil-miktub ad validitatem. (ara Artikolu 1233 Kap 16). Inoltre l-prova ta' l-ezistenza ta' ftehim simili tista' ssir b'mezzi ohra u l-prova ta' dan il-ftehim trid issir minn min jallega l-ezistenza tieghu. Il-prova tista' ssir b'xhieda jew mezzi ohra skont il-Kodici ta' Procedura. Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilita', konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bazi ta' bilanc ta' probabilitajiet li huwa sufficjenti f'kawza civili."*

"Din il-Qorti qieset ix-xiehda ta' Mark Bartolo u ta' Stefan Fenech. Gharblet id-dokumenti esebiti partikolarment id-Dok MB1 u MB2 fejn hemm dokumentat x'kien effettivament ordnat u l-valur taghha. Fil-fehma tal-Qorti, jidher li effettivament dan il-ftehim bil-fomm fil-verita' sar, izda meta s-socjeta konvenuta giet ghas-"*si"* u n-*"no"* ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' hlas rega' bdiela. Ghalhekk, ghalkemm ma' hemm l-ebda skrittura ohra, apparti il-*quotation* a fol. 28 tal-process, din il-Qorti taghti aktar affidament lit-tesi attrici u waslet ghall-konvinciment ta' l-ezistenza ta' ftehim fuq il-prezz ahhari fir-rigward tal-konsenja tal-merkanzija li saret minn J&M lil Alu. Care, liema konsenja din tal-ahhar kkonfermat li irceviet, kif ikkonferma x-xhud Alfred Cini (ara fol 137 u 138).

"Ghalhekk din il-Qorti tghid li huwa dovut minn Alu. Care l-ammont ta' €13,743.30 bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mis-16 ta' Gunju 2006 sad-data tal-effettiv pagament.

"**D)** **Il-fattura Nru. 6211**

"Din il-fattura hija ghall-prezz ta' *shutter.* Il-kwistjoni dwar din il-fattura huwa l-prezz finali reklamat minn J&M billi Alu. Care qeghda tilmenta li l-prezz pretiz huwa eccessiv ghaliex qieghed jinkludi l-installazzjoni, meta fil-fatt l-installazzjoni saret mis-socjeta` konvenuta.

"Meta xehed, Mark Bartolo (ara fol 65) ma ftakarx jekk kienx gie muri *quotation* ta' d-ditta FGP. Lanqas ma ftakar li Stefan Fenech kien qallu li l-prezz kellu jkun ahjar minn dak ta' l-FGP. Mix-xiehda ta' Stefan Fenech (ara fol 83) jirrizulta li l-prezz miftehem ma' kellux jeccedi l-Lm 450 jew €1001.63. Infatti kellu jkun vicin il-prezz kwotat minn FGP. Stefan Fenech jixhed ukoll li l-bieb konsenjat minn J&M kien jaqbel mal-ordni.

"Ma jirrizultax li l-varjanza allegata minn Stefan Fenech giet sollevata **qabel** Alu. Care resset l-eccezzjonijiet taghha. **Infatti l-bieb konsenjat kien accettat bla rizerva**.

"Dwar il-prezz *ut sic*, din il-Qorti tghid li l-kwistjoni hija differenti u f'dan ir-rigward taghti affidament lit-tesi ta' Alu Care illi stante li l-prezz pattwit ma kellux jeccedi l-€1,001.63, l-ammont dovut ghandu jkun propju dak.

"Fl-istess waqt, din il-Qorti tghid li ladarba ma rrizultax li l-ammont ta' €1,001.63 kien prezentat ghall-hlas lil J&M, u ladarba Alu. Care ma ddepozitatx l-ammont taht l-awtorita' tal-qorti, l-imghax legali ghandu jibqa' dovut ukoll.

"Ghalhekk din il-Qorti tghid li huwa dovut l-ammont ta' €1,001.63 (u cioe' Lm 450) bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mid-19 ta' Lulju 2006 sad-data tal-effettiv pagament.

"**E) Il-fattura Nru. 9740**

"Din il-fattura hija ghall-prezz ta' *spare part.* Il-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-garanzija fis-sens illi J&M tghid li l-part kellha garanzija ta' sena biss waqt li Alu. Care ssostni diversament. Jirrizulta li J&M tat garanzija ta' sena bhala *commercial guarantee.* Il-bejgh tal-*part* sar fis-26 ta' Ottubru 2007.

"L-**Art.74 tal-Kap.378** jipprovdi hekk –

"*(1) Il-kummercjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur ghal kull nuqqas ta' konformità fl-oggetti li kienet tezisti meta l-oggetti gew ikkunsinnati mill-kummercjant lill-konsumatur. Bla hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' din it-Taqsima, ghandu jkun il-konsumatur li jiddeciedi x'rimedju ghandu jitlob.*

"*(2) Fil-kaz ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew*

"*(a) li l-oggetti jingebu konformi bla ebda hlas billi jissewwew jew jigu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew*

"*(b) li jircievi hlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt ghar-rigward ta' dawk l-oggetti skont l-artikolu 76(1) jew (2).*

"L-**Art.78 tal-Kap.378** jipprovdi hekk –

"*Il-kummercjant ghandu jkun responsabbli tahtt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 73 u 74 meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformità fi zmien sentejn mill-kunsinna ta' l-oggetti. Dan il-perijodu ghandu jigi sospiz sakemm idumu ghaddejjin in-negozjati bejn il-kummercjant u l-konsumatur bil-ghan li jinthalaq ftehim amikevoli.*

".......

"Irrizulta li l-ilment ta' Alu. Care dwar il-*part* sar fit-terminu li trid il-ligi. Ma rrizultax li l-ilment kien rettifikat. Ghalhekk l-ammont pretiz mhuwiex dovut.

"**Decide:**

"**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi dwar it-talbiet attrici u dwar l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta kif gej –**

"**Relattivament ghal fattura bin-numru 10871, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' mija tlieta u erbghin Ewro tmienja u erbghin centezmu (€143.48) bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mit-2 ta' Mejju 2008 sad-data tal-effettiv pagament.**

"**Relattivament ghal fattura bin-numru 11298, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' erbgha u tletin Ewro hamsin centezmu (€34.50) bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mis-26 ta' Gunju 2008 sad-data tal-effettiv pagament.**

"**Relattivament ghal fatturi bin-numru 10886, 10938, 11061, 11067 u 11135 tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' mija hamsa u ghoxrin Ewro wiehed u erbghin centezmu (€125.41) bhala imghax komplessiv ta' 8% fis-sena fuq l-import ta' kull wahda minn dawn il-hames fatturi li akkumula minn tletin (30) gurnata mid-data ta' kull fattura sat-13 ta' Jannar 2010. U bl-imghax ulterjuri b'effett mil-lum.**

"**Relattivament ghal fattura bin-numru 5967, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' tlettax-il elf seba' mija tlieta u erbghin Ewro tletin centezmu**

**(€13,743.30) bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mill-15 ta' Gunju 2006 sad-data tal-effettiv pagament.**

"**Relattivament ghal fattura bin-numru 6211, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' elf Ewro u wiehed, tlieta u sittin centezmu (€1,001.63) bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mid-19 ta' Lulju 2006 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tiddikjara bhala mhux dovut l-import tal-fattura bin-numru 9740.**

"**Tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu in kwantu ghal erbgha minn hamsa (4/5) mill-kumpannija konvenuta u in kwantu ghal kwint (1/5) mill-kumpannija attrici.**"

Fir-rikors tal-appell taghha is-socjeta` konvenuta appellanti (fol 180) talbet kif gia` ssemma' illi din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata u elenkat s-segwenti aggravji:

"1.1 Illi relattivament ghal fattura bin-numru 5967, l-ewwel Onor. Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi mentri relattivament ghal fattura bin-numru 6211 l-ewwel Onor. Qorti applikat il-ligi hazin, u dan ghar-ragunijiet kif ser jinghad

"1.2 Illi ghalhekk anke l-allokazzjoni tal-ispejjez in kwantu ghal erbgha minn hames partijiet ($^{4}/_{5}$) kontra s-socjeta` konvenuta u kwint ($^{1}/_{5}$) kontra s-socjeta` atrici mhix gusta.

"1.3 Illi l-ebda appell ma huwa qed jigi interpost mis-sentenza in kwistjoni in kwantu dak deciz relattivament ghall-fatturi bin-numru 10871, 11298, 10886, 10938, 11061, 11067 u 11135 u l-ammonti relattivi kif deciz ser jithallsu fil-mori ta' dan l-appell minghajr pregudizzju ghal dan l-appell.

"1.4 Illi hekk ukoll ma hu qed jigi interpost l-ebda appell mis-sentenza relattivament ghall-fattura bin-numru 9740."

Imbaghad fir-risposta taghha s-socjeta` attrici appellata (fol. 191) oltre li irrespingiet il-kontenut tar-rikors tal-appell, ipproponiet l-appell incidentali taghha fejn talbet illi:

"Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti umilment tissottometti li:

"(1) L-appell interpost mis-socjeta` konvenuta ghandu jigi michud bl-ispejjez.

"(2) L-appell incidentali interpost mis-socjeta` esponenti ghandu jigi milqugh billi s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi riformata fis-sens li:

"(a) Tigi konfemata fir-rigward tal-fatturi 10871, 11298, 10886, 10938, 11061, 11067, 11135 u 5976.

"(b) Tigi riformata fir-rigward tal-fattura numru 6211 billi s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ntiera ta' dik il-fattura, cioe` €1643.70 minflok €1001.63 bl-imghax legali ta' 8% b'effett mid-19 ta' Lulju 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

"(c) Tigi revokata fir-rigward tal-fattura numru 9745 billi s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallas l-import taghha fl-ammont ta' €178.67 bl-imghax legali ta' 8% b'effett mis-26 ta' Ottubru 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta."

Il-Qorti ghalhekk, rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

1. FATTURA NUMRU 5967 – APPREZZAMENT HAZIN TAL-PROVI

L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dikjaratament dwar apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti li jitratta specifikament il-fattura bin-numru 5967.

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li,

> *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.

Is-socjeta` konvenuta appellanti tissottometti (punt numru 2.6 fol. 184) illi fejn ma jaqblux il-partijiet huwa li mentri hija ssostni li l-*quotation* Dok AC1 tirrapprezenta l-uniku ftehim bejn il-partijiet rigward il-prezz tal-materjal u accessorji kollha mehtiega sabiex tkun tista' tinhadem il-faccata mertu tat-*tender* u li qatt ma sar xi diskors jew ftehim bejn il-partijiet biex il-prezz

joghla ghall-Lm5,900, is-socjeta` attrici appellata tallega li ferm wara li nghatat il-*quotation* AC1, is-socjeta` konvenuta kienet talbet xi modifikazzjonijiet fl-ordni li wasslu biex jizdied il-prezz ghal dak indikat fuq il-fattura. Is-socjeta` konvenuta appellanti tilmenta illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha relattivament ghal din il-fattura.

Fir-*ratio* taghha l-ewwel Qorti tosserva kif gej f'dan ir-rigward (fol. 175):

> *"Din il-Qorti qieset ix-xhieda ta' Mark Bartolo u Stefan Fenech. Gharblet id-dokumenti esebiti partikolarment id-Dok MB1 u MB2 fejn hemm dokumentat x'kien effettivament ordnat u l-valur taghha. Fil-fehma tal-Qorti, jidher li effettivament dan il-ftehim bil-fomm fil-verita' sar, izda meta s-socjeta` konvenuta giet ghas-"si" u n-"no" ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' hlas rega' bdiela. Ghalhekk, ghalkemm ma hemm l-ebda skrittura ohra, apparti il-quotation a fol. 28 tal-process, din il-Qorti taghti aktar affidament lit-tesi attrici u waslet ghall-konvinciment ta' l-ezistenza ta' ftehim fuq prezz ahhari fir-rigward tal-konsenja tal-merkanzija li saret minn J&M lil Alu. Care liema konsenja din tal-ahhar kkonfermat li irceviet, kif ikkonferma x-xhud Alfred Cini (ara fol 137 u 138).*
>
> *Ghalhekk din il-Qorti tghid li huwa dovut minn Alu. Care l-ammont ta' EUR 13,743.30 bl-imghax legali ta' 8% fis-sena b'effett mis-16 ta' Gunju 2006 sad-data tal-pagament effettiv"*

Is-socjeta` attrici appellata tissottometti (fol. 193) illi assolutament mhux kredibbli dak li issostni s-socjeta` appellanti li Mark Bartolo johrog *quotation* ta' Lm3526·52 (EUR 8,214·58) bil-VAT inkluz u bil-qligh ghall-kumpannija ta' missieru skont id-Dok. AC1 meta fil-fatt sussegwentement jikkonsenja materjal, kif jirrizulta mid-Dok. MB1 ta' valur Lm3,700 (EUR 8,650) (eskluz il-VAT u l-qliegh tas-socjeta` attrici appellata). Inoltre tirrileva illi s-socjeta` konvenuta appellanti dejjem

evadiet li tispjega id-diskrepanza bejn il-piz tal-materjal indikat fid-Dok. AC1 u dak indikat fid-Dok MB1 cioe` il-materjal li effettivament gie ordnat u ricevut mill-*istorekeeper* tas-socjeta` appellanti.

Din il-Qorti tosserva illi l-fattura immarkata Dok. B1 a fol. 5 tal-process hija l-mertu ta' dan l-aggravju. Alfred Cini fix-xhieda tieghu tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2011 mistoqsi fuq il-konsenja mertu tal-fattura mmarkata Dok. B1 u B2 jikkonferma kif gej in kontro-ezami (fol. 134-135):

> *"Dr Albert Libreri:-*
> "*Inti taf ghalfejn kont taghmel firma fuq …?*
>
> "*Xhud – Alfred Cini:-*
> "*Iva, talli gie l-materjal hux.*
>
> "*Dr. Albert Libreri:-*
> "*Talli gie l-materjal. U inti qed tikkonferma li din il-firma hija tieghek fuq id-dokument "B1".*
>
> "*Xhud – Alfred Cini:-*
> "*Iva*
>
> "*Dr Albert Libreri:*
> "*Jigifieri inti qed tikkonferma illi dan ix-xoghol gie.*
>
> "*Xhud: Alfred Cini:-*
> "*Iva gie, kieku ma kontx niffirma ghalih."*

Jidher ghalhekk illi l-materjal illi tieghu s-socjeta` attrici appellata qed titlob il-hlas tieghu gie ikkonsenjat lis-socjeta` konvenuta appellanti. Izda s-socjeta` konvenuta appellanti qed tikkontendi illi tali materjal kien inkluz fil-*quotation* originali (Dok. AC1) u ghalhekk ma setax jintalab hlas

addizzjonali da parti tas-socjeta` attrici appellata. L-ewwel Qorti kienet tal-opinjoni minn apprezzament tal-fatti illi ghalkemm ma kienx hemm ftehim bil-miktub kien intlahaq ftehim verbali bejn il-partijiet li kellu jigi onorat.

Huwa veru dak li tghid is-socjeta` konvenuta appellanti illi min jallega jrid jipprova jew –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* kif jghid car u tond l-artiklu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995). Izda kull ma gara fil-kaz ta' din il-fattura kien li wara li l-prova mressqa mis-socjeta` attrici appellata giet ribattuta mill-prova mressqa mis-socjeta` konvenuta appellanti l-Qorti kienet konvinta mill-verzjoni tas-socjeta` attrici appellata. Tenut kont tal-fatt li ma rrizultat ebda raguni valida sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti li kienet hi li semghet il-provi din il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandhiex tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

2. FATTURA NUMRU 6211 – APPLIKAZZJONI HAZINA TAL-LIGI

Fir-rigward ta' din il-fattura, is-socjeta` konvenuta appellanti tilmenta (fol. 188) illi l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin meta ordnat il-hlas tal-imghax

legali bir-rata ta' 8% fis-sena b'effett mid-19 ta' Lulju 2006. Is-socjeta` konvenuta appellanti tissottometti illi l-gurisprudenza ta' dawn il-qrati hija ben assodata fis-sens li *"in illiquidis non fit mora".* Ghalhekk, trattandosi minn prezz li ma kienx pattwit bejn il-partijiet izda stabbilit biss mill-ewwel Qorti s-socjeta` konvenuta appellanti tissottometti illi ma kellhiex timponi l-interess mid-data tal-konsenja izda mid-data meta saret il-likwidazzjoni tal-ammont dovut bis-sahha tas-sentenza.

Is-socjeta` attrici appellata tirribatti billi tirrileva illi dan l-aggravju ma ghandu ebda fondament legali ghaliex (fol. 193):

> "(i) Il-bieb ossia *shutter* gie ricevut mis-socjeta` appellanti minghajr ebda riserva;
>
> "(ii) Minkejja li l-fattura nharget f'Lulju 2006, is-socjeta` appellanti ma kkontestathiex hlief fil-mori ta' din il-kawza meta qajmet il-kwistjoni fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha;
>
> "(iii) Li kieku rriteniet li l-ammont kellu jkun inferjuri ghal dak indikat fil-fattura, hija messha offriet il-pagament ta' tali ammont inferjuri u fin-nuqqas ta' accettazzjoni min-naha tas-socjeta` attrici appellata, ghaddiet biex iddepozitat tali ammont fil-Qorti."

Din il-Qorti qed tirriproduci silta mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Marzu, 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et** (Citazzjoni Numru: 448/87FS) fejn inghad:

> *"Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li "in illiquidis non fit mora" ghax l-imghax ghandu jghaddi biss*

> *minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe' mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora."*

Ara f'dan is-sens ukoll dawn is-sentenzi;

**Salvatore Camilleri noe v. Candida Dimech *ed altri*** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet illi:

> *"...il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione............."*

**Negoziante Vincenzo Strati v. Tito Boselli noe** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali irriteniet illi:

> *"I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione."*

**Vincente Grech et v. Onor. Prof. AIC John Gatt noe** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti tal-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:

> *" ...meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni."*

Izda ghandu jinghad ukoll li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax seta' jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza

deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina v. Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:

> "*Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju in illiquidis not fit mora, specjalment fejn ir-responsabilita` ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..."*

hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.

Fil-kawza fl-ismijiet **Richard Cassar v. Henry Seddon**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April 2013 osservat kif gej:

> "*B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat."*

F'dan il-kaz jidher illi l-ewwel Qorti kienet iggustifikata meta iddecidiet illi c-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienu jimmeritaw illi l-imghax jibqa' dovut ukoll; l-ewwelnett ghaliex is-socjeta` attrici ghamlet talba preciza ta'

ammont li skont hi kien dovut (u li l-Qorti laqghetha f'ammont sostanzjali minnha) u anke ghaliex kif qalet l-istess Qorti (fol. 176):

> *"Fl-istess waqt, din il-Qorti tghid li ladarba ma rrizultax li l-ammont ta' EUR 1001.63 kien prezentat ghall-hlas lil J&M, u ladarba Alu. Care ma ddepozitatx l-ammont taht l-awtorita` tal-qorti, l-imghax legali ghandu jibqa' dovut ukoll."*

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

## 3. SPEJJEZ

Is-socjeta` konvenuta appellanti tilmenta (fol 188) li l-ewwel Qorti iddecidiet il-kap tal-ispejjez billi allokat erbgha minn hames partijiet ($^{4}/_{5}$) tal-ispejjez lis-socjeta` konvenuta u kwint ($^{1}/_{5}$) biss lis-socjeta` attrici; is-socjeta` konvenuta appellanti tissottometti illi in vista tal-aggravji mressqa s-socjeta` attrici appellata ghandha tbati l-ispejjez jew il-parti l-kbira minnhom.

Is-socjeta` attrici appellata tirribatti billi tirrileva illi (fol. 194) is-socjeta` appellanti m'ghandhiex ragun li tippretendi li l-ispejjez jigu allokati kollha lis-socjeta` attrici appellata meta skont il-gurisprudenza nostrana tali spejjez jigu spartiti skont ir-rebh u t-telf rispettiv.

Din il-Qorti tosserva illi peress illi l-aggravji l-ohra mressqa mis-socjeta` konvenuta appellanti gew michuda u ma hux ser ikun hemm tibdil fid-*decide* tal-ewwel Qorti konsegwenza tal-appell tal-istess socjeta`, ma hemmx raguni valida ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba l-kap tal-ispejjez kif deciz mill-ewwel Qorti. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi respint.

**AGGRAVJI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

1. FATTURA NUMRU 6211

Is-socjeta` attrici tilmenta (fol. 194) mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li irriduciet l-import tal-fattura numru 6211 minn EUR1643.70 ghal EUR1000.63.

L-ewwel Qorti tispjega illi l-kwistjoni dwar din il-fattura huwa l-prezz finali reklamat minn J&M billi Alu. Care qeghda tilmenta li l-prezz pretiz huwa eccessiv ghaliex qieghed jinkludi l-installazzjoni, meta fil-fatt l-installazzjoni saret mis-socjeta` konvenuta. Ghal darb'ohra hawnhekk si tratta ta' apprezzament ta' fatti u l-ewwel Qorti taghmel dan ir-ragunament (fol. 175-176):

> *"Meta xehed, Mark Bartolo (ara fol. 65) ma ftakarx jekk kienx gie muri quotation ta' ditta FGP. Lanqas ma ftakar li Stefan Fenech kien qallu li l-prezz kellu jkun ahjar minn dak ta' l-FGP. Mix-xhieda ta' Stefan Fenech (ara fol 83) jirrizulta li l-prezz miftiehem ma kellux jeccedi l-Lm 450 jew EUR 1001.63. Infatti kellu jkun vicin il-prezz kwotat minn FGP. Stefan Fenech jixhed ukoll li l-bieb konsenjar minn J&M kien jaqbel mal-ordni.*
>
> *Ma jirrizultax li l-varjanza allegata minn Stefan Fenech giet sollevata **qabel** Alu. Care resqet l-eccezzjonijiet taghha. **Infatti l-bieb konsenjat kienet accettat bla rizerva**.*"

Izda dwar il-prezz l-ewwel Qorti ikkonsidrat kif gej (fol. 176):

> *"Dwar il-prezz ut sic, din il-Qorti tghid li l-kwistjoni hija differenti u f'dan ir-rigward taghti affidament lit-tesi ta' Alu Care illi stante li l-prezz pattwit ma kellux jeccedi l-EUR 1,001.63, l-ammont dovut ghandu jkun proprju dan."*

Is-socjeta` attrici tilmenta illi (fol. 194),

> *"… tali vertenza me kellhiex tigi deciza biss fuq tali xhieda biss izda wkoll minn cirkostanzi ohra li, kieku gew kunsidrati, kienu jwasslu ghal konferma tal-ammont indikat fil-fattura u mhux ghal riduzjoni ta' tali ammont."*

Izda din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-asserzjoni. Jidher illi fil-fatt l-ewwel Qorti kif jidher mill-bran hawn fuq riprodott mhux biss qieset ix-xhieda izda wkoll ic-cirkostanzi relatati. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi respint.

2. FATTURA NUMRU 9740

Illi aggravju iehor tas-socjeta` attrici jikkoncerna c-cahda tal-ewwel Qorti milli tikkanonizzaha kreditrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta fir-rigward

tal-fattura numru 9740 fl-ammont ta' EUR 178.67 rapprezentanti prezz ta' *spare-part* ta' *cutter* tal-*aluminium.*

L-ewwel Qorti tosserva (fol. 176) illi l-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-garanzija fis-sens illi J&M tghid li l-*part* kellha garanzija ta' sena biss filwaqt li Alu. Care ssostni diversament. L-ewwel Qorti taghmel referenza ghall-Artikoli 74 u 78 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkonkludi (fol. 177):

> *"Irrizulta li l-ilment ta' Alu Care dwar il-part sar fit-terminu li trid il-ligi. Ma rrizultax li l-ilment kien rettifikat. Ghalhekk l-ammont pretiz mhuwiex dovut."*

Din il-Qorti taqbel mal-argument imressaq mis-socjeta` attrici illi l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghall-kaz odjern u dan peress illi s-socjeta` konvenuta, bhala akkwirenti tal-magna *de quo,* mhijiex koperta mid-definizzjoni ta' "konsumatur" taht l-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta) hemm specifikat:

> *"kull individwu li fi transazzjonijiet u hwejjeg ohra koperti b'dan l-Att jew b'regolament maghmula tahtu, jkun qed jagixxi ghal ghanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerc, negozju, sengha jew professjoni."*

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni maghmula mis-socjeta` attrici illi (fol. 195):

> *"Jirrizulta mhux kontestat li s-socjeta` konvenuta hija kumpanija esercenti n-negozju fil-kamp tal-aluminium u li l-magna hija cutter tal-aluminium*

> *uzata fil-gestjoni tal-kummerc taghha. Ghalhekk il-garanzija ta' sentejn applikabbli skont il-Kap 378 ma kienx applikabbli ghall-magna in kwistjoni izda kienet applikabbli s-sena msemmija fid-Dok MB4."*

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tichdu u tichad ukoll l-appell incidentali hlief kif imsemmi u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata biss billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta appellanti biex thallas ukoll (b'zieda ma' dak deciz fl-istess sentenza) is-somma ta' mija u tmienja u sebghin euro u sebgha u sittin centezmu (€178.67c) bl-imghaxijiet kummercjali sa mis-26 ta' Ottubru 2007; l-ispejjez tal-ewwel istanza kif gia` deciz mill-ewwel Qorti; dawk tal-appell principali a kariku tas-socjeta` konvenuta appellanti u dawk tal-appell incidentali kwantu ghal kwint ($^{1}/_{5}$) mis-socjeta` attrici u erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mis-socjeta` konvenuta appellanti incidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df